MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1186/2002

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li bejn il-partijiet hemm dizgwid li ma jippermittilhomx jkomplu jabitaw flimkien, u dan dovut principalment ghall-konvenut; li l-partijiet ghandhom tlett itfal, A, Diana u Sylvana li qed jghixu ma' l-attrici fid-dar konjugali; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni biex tressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li l-Qorti [1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tort tal-konvenut; [2] tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u tassenja lill-attrici s-sehem taghha; [3] tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici manteniment fissat minn din il-Qorti, ghaliha u ghat-tlett uliedhom minuri; [4] tafda l-kura u kustodja tal-minuri lill-attrici; [5] tawtorizza

lill-attrici sabiex, flimkien ma' uliedha, tabita fid-dar konjugali ad eksluzjoni tal-konvenut; [6] tordna d-dekadenza mid-drittijiet civili kollha da parti tal-konvenut, fil-konfront ta' l-attrici; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut jeccepixxi [1] li z-zwieg tkfarrak ninhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici, stante l-karattru difficli taghha; [2] li d-dar matrimonjali hija l-uniku akkwist [ta' relevanza] fil-komunjoni ta' l-akkwisti, u ghalhekk din ghandha tigi likwidata, u kull parti tieghu sehemha; [3] li l-konvenut dejjem hallas il-manteniment ordnat lilu mill-qorti; [4] li l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri baqat f' idejn l-attrici;

Rat ir-rapporti tal-Psikologu Pierre Cachia prezentati fit-8 ta' Marzu 2002 u fl-20 ta' Marzu 2003, quddiemm l-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba "dizgwid li ma jippermettilhomx li jkomplu jikkoabitaw flimikien, u dan dovut principalment ghall-konvenut"; kif ukoll qed titlob li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jattribwixxi t-tort lill-attrici, u senjatament minhabba "il-karattru difficli taghha."

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Awwissu 1983, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal li, ghalkemm fiz-zmien li bdew il-proceduri kienu minorenni, illum huma maggjorenni.

Illi fl-ewwel sena u nofs taz-zwieg, peress li l-partijiet kienu ghadhom qed jibnu d-dar matrimonjali, huma kienu joqghodu l-Imqabba mal-genituri tal-konvenut; izda anke f' dan l-istadju beda jinqala' l-inkwiet, bir-rizultat li l-partjiet marru joqghodu z-Zurrieq ghand il-genituri ta' l-attrici.

Jirrizulta li l-attrici ma tant kienet ferhana bil-fatt li d-dar konjugali kienet qeda tinbedna fl-Imqabba, u xtaqet li tibqa' tghix fiz-Zurrieq; izda, wara li tlestiet id-dar, huma ttrazlkaw u bdew jghixu fiha wahedhom.

Illi l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li, kemm meta l-partijiet kienu jghixu mal-genituri rispettivi taghhom, kif ukoll meta marru jghixu ghal rashom fid-dar matrimonjali, l-inkwiet matrimonjali kien fattur evidenti li kien jiekol kostantament mill-felicita' tal-partijiet. L-inkwiet ma waqafx, anzi skala, u eventwalment rizultat ta' incident bejn il-missier u t-tfal, li nvolviet ruhha fih wkoll l-attrici, il-konvenut fis-7 ta' Mejju 2000, telaq mid-dar konjugali, fuq parir tal-pulizija, u mar jghix mal-genituri tieghu.

Ghalhekk, fil-prezent, filwaqt li l-konvenut mar jghix mal-genituri anzjani tieghu, l-attrici ghadha tghix fid-dar konjugali flimkien mat-tfal tal-partijiet, li llum huma kollha maggjorenni.

Illi ghal dak li jirrigwarda is-separazzjoni, il-provi jikkonsistu fix-xhieda tal-partijiet, u r-rapporti tal-psikologi, inkarigati mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili, sabiex jikkonstataw is-sitwazzjoni prezenti u jaghtu l-ghajnuna mehtiega lill-partijiet u lil uliedhom.

Illi fl-affidavits taghhom il-partijiet jattribwixxu tortijiet lil xulxin, u jwahhlu f' xulxin ghat-tkissir taz-zwieg taghhom.

*Verzjoni Attrici*[1]
L-attrici tilmenta mill-fatt li mill-bidunett taz-zwieg hija kien ihossha "invazata" mill-familja tal-konvenut, u mill-istess konvenut li kien dominanti u egojist fil-konfront taghha.

[1] Fol.56 et seq. – affidavit prezentat 24.05.2004; u fols.99 et seq. – affidavit responsiv prezentat fis-7.07.2005

Tghid li hu kien nervuz hafna u kien jitlef il-kontroll malajr bir-rizultat li kien jghajjat ma' martu anke fuq affarijiet zghar, kien jghajjarha u kien jheddida li kien ser jdahhalha fi sptar mentali. Tghid li huwa ragel kattiv u krudili u estremista, tant, li skond hi, id-dar kienet qisha nfern, peress li kemm hi kif ukoll uliedhom kienu mbezzghin minnu; kien vjolenti fuq l-affarrijiet u ssemmi l-incident li fih il-konvenut qatel il-pet [fenek] tat-tfal, quddiemhom.

Takkuza lil zewgha li tard bil-lejl kien jara programmi mhux xierqa fuq it-televizjoni [bhal Colpo Grosso] u li lilha "donnu hadni ghas-sodda". Kien egojist fil-konfront taghha, u kien ihalliha nieqsa mill-flus, li ghalhekk, kien ikollha ddur fuq l-introjtu derivanti minn proprjeta' parafernali taghha.

Hija tichad kategorikament l-allegazzjoni tal-konvenut li hi kienet titraskura lit-tfal, kemm mill-aspett ta' igene kif ukoll l-edukazzjoni taghhom, u tasserixxi li kienet hi li kienet fil-fatt kienet tiehu hsieb tat-tfal taghhom. Hija tichad li kienet taqla' l-inkwiet fiz-zwieg, u li qatt hebbet ghal zewgha b' sikkina; u bl-aktar mod kategoriku tichad li hi kellha xi nstabilita' mentali.

Tghid li fiz-zwieg taghha mal-konvenut, l-attrici qatt ma hasset li ghandha ragel li setghet thobbu, peress li dan, mill-bidu nett kien jistmaha ta' skjava.

*Verzjoni Konvenut*

Fl-affidavit[2] tieghu, li kien gie prezentat qabel dak ta' l-attrici, dana spjega li mill-bidu taz-zwieg l-attrici kellha l-problemi ma' ommu, li wassal sabiex jimorru jghixu ma' omm l-attrici.

Jghid li kien beda jinduna li l-attrici ma kinitx tiehu hsieb sewwa tat-tfal, bir-rizultat li dawn kienu jkunu mahmugin; u kienet ukoll titraskura l-edukazzjoni taghhom. Dan kien fonti ta' tilwim bejn il-partijiet. Ir-relazzjoni ta' bejniethom kompliet tihzien minhabba l-ghira kbira li kellha l-attrici fil-

[2] Fol.50 et seq. prezentat 3.11.2003

konfront tieghu, li kienet twassal ghall-litigji li fihom l-attrici kienet tinfexx fl-ghajjat, theddid u glied mal-konvenut.

Jghid li maz-zmien beda jinnota li l-attrici kienet qeda tagixxi b’ “mod stramb hafna” u kienet qeda turi nuqqas ta’ stabbilita’ mentali; kienet qed tkun vjolenti u tgholli lehinha; u kienet ukoll akkuzatu bil-korriment li kellha fis-sena 1989, u jghid li wara, l-attrici bdiet issofri minn post-natal depression li qatt ma rkuprat minnha.

Huwa kien jahdem hafna ghall-familja, u barra x-xoghol normali tieghu, kellu ukoll xoghol part time; izda l-attrici kienet irresponsabbli fejn jidhol l-infieq tal-flus.

Il-konvenut jghid li hu kien jissaporti il-komportament litigjuz ta’ martu sabiex ma jkissirx il-familja meta t-tfal kienu ghadhom zghar. Eventwalment l-attrici xewxet lit-tfal u darithom kontra tieghu bir-rizultat li dan kellu jallontana ruhu mid-dar konjugali.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi mressqa mill-partijiet in propozitu, konsistenti principalment fl-affidavits taghhom, u r-rapporti tal-psikologi, il-Qorti hija tal-fehema li jirrizulta car u manifest li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment; u l-Qorti thoss li l-kawza principali ta’ dan kien il-komportament dominanti u aggressiv da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu, u eventwalment, fil-konfront ta’ uliedu wkoll. Dan l-komportament tieghu wassal sabiex il-konvivenza matrimonjali u l-konvivenza tieghu ma’ uliedu kienet saret impossibbli, tant li kellu jallontana ruhu mid-dar konjugali.

Minn naha l-ohra, l-atteggjament ta’ l-attrici, u l-karattru difficli taghha, kkontribwixxa ghal dan it-tkissier.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, principalment tort tal-konvenut, u sekondarjament tort ta’ l-attrici; izda fic-cirkostanzi il-Qorti ma tikkonsiderax xierqa l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, in toto jew in parte, kontemplati fl-artikolu 48 ta’ l-imsemmi Kap.

**Kura u Kustodja**
Illi llum dan l-aspett tal-kawza jinsab sorvolat biz-zmien, stante li t-tlett ulied tal-partijiet huma maggjorenni.

**Manteniment**
Illi skond digriet moghti mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili l-konvenut kien gie ordnat sabiex pendente lite jhallas lill-attrici manteniment ta’ LM100 fix-xahar, ghaliha u ghall-ulied minuri.

*Arretrat*
Illi, ghalkemm fl-udjenza tat-28 ta’ Gunju 2006, l-attrici, permezz ta’ l-Avukat taghha talbet li fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-arretrati ta’ manteniment dovut, izda ma tressqux provi in propozitu, b’ mod li din il-Qorti tista’ tikkwantifika dan l-arretrat allegatament dovut. Ghalhekk din il-pretensjoni attrici mhux qed tigi accettata.

*Futur*
Illi in kwantu ghat-talba attrici ghall-hlas ta’ manteniment ghaliha da parti tal-konvenut, il-Qorti tosserva li l-attrici llum ghandha circa sittin [60] sena, u peress li matul iz-zwieg ma kinitx tahdem barra mid-dar, illum il-possibbilita’ li ssibx xoghol u ddahhal introjtu adegwat huwa zghir hafna. Minn naha tieghu, il-konvenut jahdem mal-Forzi Armati u skond prospett esebit[3], hu ghandu ntrojtu baziku ta’ €12,567.49, jigifieri €1,047 [LM449] fix-xahar.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti tikkonsidera xieraq l-ammont ta’ €350 [LM150] fix-xahar bhala l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici; tenut kont ukoll, il-fatt li l-attrici ser tigi awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali ghal erba’ snin ohra, u anke l-mezzi taghha, kif indikat aktar il-quddiem; izda wara li tinbiegh id-dar, u allura l-attrici tiehu prelevamenti sostanzjali ta’ flus, il-manteniment taghha jigi ridott ghal €233 [LM100]. F’ kull kaz, il-manteniment jizdied kull sena skond iz-zieda fl-gholi tal-hajja skond l-indici ufficjali.

[3] Fol.257

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi, ghalkemm fuq rikjesta ta' din il-Qorti fl-udjenza tat-28 ta' Gunju 2006 "l-attrici obbligat ruhha li fi zmien xahar tipprezenta stima minn perit tad-dar konjugali, u lista ta' l-oggetti [ezistenti fid-dar konjugali] u l-valuri rispetti taghhom, l-attrici, minkejja t-trapass ta' erba' snin, u nonostante l-prezentata tan-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha, baqghet ma pprezentat xejn.

Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti fid-dar matrimonjali, u effetti mobbli fiha.

Illi huwa pacifiku li d-dar matrimonjali bl-isem *'Edmar' Nru.9 Triq il-Katakombi, Mqabba* tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-Qorti tordna li din id-dar tinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien erba' snin millum, u fin-nuqqas, tinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti ghall-prezz mhux inferjuri ghal dak li jigi fissat mill-Perit Mario Cassar li qed jigi nominat mill-Qorti, a spejjez taz-zewg partijiet, bhala espert sabiex jivvaluta dan il-fond; izda l-partijiet jibqghu liberi li jifthemu bil-miktub fuq valur konkordat.

Wara l-bejgh tal-fond, ir-rikavat, wara li jitnaqqas minnu l-krediti parafernali dovuti lill-attrici u lill-konvenut, kif indikat aktar l' isfel, dan ir-rikavat jigi maqsum f' zewg porzjonijiet ugwali, sabiex wahda tinghata lill-attrici; u l-ohra tinghata lill-konvenut, wara li titnaqqas minnha s-somma ta' €5,241 [ekwivalenti ghal LM2,250] u tinghata lill-attrici.

Illi permezz tal-gudizzju odjerna l-attrici qeda tigi ordnata li tallontana ruhha mid-dar matrimonjali fi zmien erba' snin millum.

Illi l-effetti mobbli, salv ghal dawk ndikati mill-attrici bhala parafernali taghha[4], u cioe' l-ispare bedroom, side board tal-gewz, pjanu tal-kewkba, corner b' zewg vetrini, siggijiet, twaletta, tv set, fajjenza, ghandhom jigu valutati u jinbieghu bl-istess mod u fl-istess zmien indikat fil-paragrafu precedenti. L-oggetti fuq indikati jibqghu fil-pussess ta' l-attrici.

[4] Fol.99 tergo – para.6

*Krediti pretizi mill-attrici*

Illi fin-nota taghha l-attrici elenkat ammonti ta' flus rapprezentanti krediti dovuti lilha u li ghandhom ikunu prelevati fil-likwidazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni. Il-Qorti ezaminat din il-pretensjoni fid-dawl tal-provi akkwiziti, senjatament ix-xhieda ta' Godwin Darmanin u n-notamenti[5] ezebiti minnu, u li ma gewx kontraddetti mill-konvenut, u wasslet ghas-segwenti konkluzjonijiet.

[A] Jirrizultaw provati s-segwenti krediti parafernali, fil-konfront tal-komunjoni ta' l-akkwisti, derivanti minn proprjeta' wirt tal-genituri ta' l-attrici u minn proprjeta' taghha ta' qabel iz-zwieg :

[1] €25,623 [ekwivalenti ghal LM11,000] li fihom hemm inkluzi is-somma ta' €5,497 [ekwivalenti ghal LM2,360][6] rapprezentanti l-gratuity li l-attrici hadet minhabba z-zwieg, peress li l-attrici kienet ilha tahdem mal-gvern ghal numru ta' snin.

[2] €8,735 [ekwivalenti ghal LM3,750] rapprezentanti kwart tal-prezz ta' l-ghalqa f' Haz Zabbar, wirt tal-genituri ta' l-attrici, li nbieghet lil Pirella Supermarket fis-sena 2000;

[3] €10,540 [ekwivalenti ghal LM4,525] rapprezentati kwart tal-prezz ta' bejgh ta' plots[7], wirt tal-genituri ta' l-attrici, li mbieghu fis-snin 1993, 1994 u 2002;

[4] €874 [ekwivalenti ghal LM375] rapprezentanti kwart tal-prezz ta' bejgh tal-garage fi Triq Bajjada Haz Zabbar li sar fis-sena 1986;

[5] €1,724 [ ekwivalenti ghal LM740] rapprezentanti ammont komplessiv ta' cnus mifdija bejn is-snin 1987 sa 1996;

---

[5] Fols.37, 42 et seq. u 123 et seq.
[6] Fol.33
[7] Plots 2 u 5 inbieghu LM2,000 il-wahda; plost 3 u 4 inbieghu LM3,500 il-wahda; u plots 5 u 6 inbieghu LM3,500 u LM3,600 rispettivament

[6] €8,001 [ekwivalenti ghal LM3,435[ rapprezentanti kwart ta' zewg kontijiet bankarji apparetenenti lilll-genituri ta' l-attrici;

[7] €1,456 [ekwivalenti ghal LM625] rapprezentanti kwart ta' zewg donazzjonijiet pekunjarji moghtija mill-genituri ta' l-attrici;

Ghalhekk il-krediti ta' l-attrici fil-konfront tal-komunjoni ta' l-Akkwisti jammontaw komplessivament ghas-somma ta' €56,953 [ekwivalenti ghal LM24,450]. Dan l-ammont ghandu jigi prelevat mill-prezz tal-bejgh tad-dar matrimonjali, qabel ma jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet.

[B] Illi inoltre l-attrici ghandha kreditu fil-konfront tal-konvenut ta' €5,241 [ekwivalenti ghal LM2,250] rapprezenti sehemha mis-somma ta' €10,482 [ekwivalenti ghal LM4,500] zbankata mill-konvenut fil-mori tal-kawza. Dan l-ammont ghandu jitnaqqas mill-porzjoni tal-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar, qabel dan il-porzjoni jigi mghoddi lilu.

Illi in kwantu ghall-pretensjoni attrici relattiva ghax-xiri tad-dar numru 52 Triq Bajjada Zabbar, il-Qorti tosserva li mill-provi migjuba jirrizulta li waqt iz-zwieg din id-dar kienet inxtrat mill-attrici u hutha, minghand ommhom, u ghalhekk dan il-fond, ossia sehem l-attrici minn dan il-fond ma jistax jitqies legalment bhala parafernali taghha, izda bhala appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Ghalhekk il-pretensjoni ta' dan il-kreditu pretiz mill-attrici rigwardanti sehemha mill-bejgh ta' l-appartamenti u l-garaxxajijet li nbnew wara li twaqqat l-imsemmija dar, m' ghandhiex bazi legali valida.

*Kredit pretiz mill-konvenut*

Illi l-konvenut jghid li qabel iz-zwieg huwa kellu bejn €16,306 [ ekwivalenti ghal LM7,000] u €18,635 [ekwivalenti ghal LM8,000] depozitati fil-bank, izda bhal l-attrici, naqas li jressaq provi dokumentali dwar dan. Il-

Qorti, pero’ tenut kont tal-fatt li qabel iz-zwieg, anke l-konvenut kien jahdem, ghalkemm lill-attrici kien jghidilha li ma kellux flus, hija proprensa li taccetta li qabel iz-zwieg il-konvenut kellu s-somma ta’ €16,306 [ekwivalenti ghal LM7,000].

Ghalhekk, il-Qorti tordna li mir-rikavat tal-bejgh tad-dar konjugali, qabel ma jsir il-qsim ta’ l-istess, tigi prelevata s-somma ta’ €16,306 [ekwivalenti ghal LM7,000] biex tigi mghoddija lill-konvenut.

Inoltre, il-Qorti tosserva li, ghalkemm jirrizulta li l-konvenut u missieru ghamlu diversi xogholijiet fid-dar matrimonjali, qabel iz-zwieg, il-konvenut ma talab ebda kumpens ghal dan ix-xoghol.

*Kontijiet Bankarji*
Illi l-kontijiet bankarji li fil-prezent jinsabu fuq isem il-partijiet, qed jigu assenjati lil din il-parti li fuqha jkun il-kont.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija principali tal-konvenut, u sekondarja ta’ l-attrici;
[2] tilqa’ t-tieni talba, u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti;
[3] tilqa’ it-tielet talba, limitatament u fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntetsta ‘Manteniment’;
[4] tastjeni milli tieghu konjizzjoni tar-raba’ talba, stante li llum l-meritu huwa ezawrit;
[5] tilqa’ il-hames talba, limitatament ghall-perijodu ta’ erba’ snin, wara liema perijodu l-attrici qed tigi ordnata tallontana ruhha mil-fond fuq indikat;
[6] tichad is-sitt talba;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] il-konvenut, u r-rimanenti terz ikun a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------